MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 40/2009

**Michael u Maryanne Azzopardi**

**Vs**

**Charlie Azzopardi**

Din hi kawza ta' spoll u tittratta raba' maghrufa bhala tas-Sabbarat, limiti tas-Sannat, Ghawdex murija fil-pjanta annessa mar-rikors guramentat. L-atturi jsostnu li din ir-raba' qeghda fil-pussess taghhom u li bejn it-2 u 7 ta' Marzu 2009 il-konvenut dahal fir-raba' u harat il-hamrija u fiha hawwel patata u l-qamh. Ghalhekk qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin.
2. Tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa, jerga' jqieghed kollox fl-istat li kien qabel.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex ghas-spejjez tal-konvenut iqieghdu kollox fl-istat li kien qabel twettaq l-ispoll.

Min-naha tieghu l-konvenut jsostni li:-

1. M'huwiex minnu li l-art in kwistjoni qeghda fil-pussess tal-atturi.
2. Ma kkommetta l-ebda spoll.
3. Ma jezistux l-elementi ta' kawza ta' din ix-xorta.

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

a. Ir-raba' tas-Sabbarat hi proprjeta' tal-Gvern u kienet imqabbla lil Carmelo Azzopardi, in-nannu ta' Michael u Charles ahwa Azzopardi. Carmelo Azzopardi miet intestat fis-7 ta' Frar 1974.
b. Missier il-kontendenti kien jismu Joseph Azzopardi u miet fil-21 ta' Lulju 2005 (fol. 114). Mix-xhieda ta' Frank Mizzi, ufficjal tad-Dipartiment tal-Artijiet, ma jirrizultax li Joseph Azzopardi kien talab li jigi rikonoxxut bhala l-inkwilin.
c. Skond Paul Vella (fol. 77) u Michael Bugeja (fol. 98), l-attur kien ighix ma' nannuh.
d. B'ittra datata tat-18 ta' Dicembru 2006 id-Dipartiment tal-Artijiet kien irrikonoxxa lill-attur bhala inkwilin tal-art b'sehh mis-16 ta' Awwissu 2006 (fol. 53). Sussegwentement, permezz ta' ittra datata 26 ta' Jannar 2007 (fol. 116) id-Dipartiment gharraf lill-attur li:- *".....id-dipartiment qighed jirtira ir-rikonoxximent fuq imsemmi sakemm ikollna l-provi u d-dokumentazzjoni mehtiega dwar kif u ghand min ghadda r-raba li kien jinhadem mis-sur Karmenu Azzopardi."*.
e. Susegwentement permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2008 (fol. 6) mibghuta lill-attur, id-Dipartiment tal-Artijiet baghat igharraf lill-attur li b'effett mis-16 ta' Awwissu 2007 kien irrikonoxxieh bhala l-inkwilin tar-raba' tas-Sabbarat, Sannat numru 82095. L-attur qieghed regolarment ihallas il-qbiela (ara ricevuta a fol. 82-83 li tirreferi ghall-perjodu mis-16 ta' Awwissu 2008 sal-15 ta'

Awwissu 2009). Jidher ukoll li l-attur gie rikonoxxut bhala inkwilin minhabba l-fatt li d-Dipartiment inghata provi li kien ighix mal-inkwilin Karmenu Azzopardi; *"Dak li wassal lid-Dipartiment biex jaghti r-raba' b'kera lil Michael kien illi kien gab affidavit minn Paul Vella u Dun Mikiel Xuereb fejn dawk ikkonfermaw li Michael Azzopardi kien fi zmien il-mewt ta' nannuh jghix mieghu."* (fol. 27).

f. Permezz ta' ittra legali datata 11 ta' Lulju 2008 (fol. 106) l-attur interpella lill-konvenut sabiex *"..... fi zmien gimgha mil-lum inti* ***tohrog mill-ghelieqi imsejha tas-Sabbarat*** *u dan peress illi* ***inti ma ghandek l-ebda titolu validu fil-ligi*** *u dan skond ma jirrizulta mill-ittra mibghuta lill-esponenti mid-Dipartiment ta' l-Artijiet datata 18 ta' Gunju 2008....."* (fol. 106). Il-konvenut wiegeb permezz ta' ittra legali datata 19 ta' Lulju 2008 (fol. 107) u ddikjara li kien ser jikkontesta r-rikonoxximent.

g. Fis-7 ta' Marzu 2009 l-attur ghamel rapport mal-pulizija li fis-6 ta' Marzu 2009 kien mar u sab *"....l-ghalqa mahruta u jiena mort biex nizra l-patata ta' bhal issa u fiha sibt li hemm mizruha qamh."* (fol. 8).

h. Kontra l-konvenut ttiehdu proceduri kriminali dwar dak li gara fil-bidu ta' Ottubru 2008 u Marzu 2009 u gie akkuzat li qieghed ifixkel lill-attur fil-pussess ta' hwejgu.

i. Fil-21 ta' April 2009 il-konvenut ipprezenta kawza kontra l-attur u l-Kummissarju tal-Artijiet fejn qieghed jikkontesta l-fatt li l-attur gie rikonoxxut bhala l-inkwilin tar-raba' (**Carmelo Azzopardi vs Kummissarju tal-Artijiet et** – Rikors 35/2009PC). Gialadarba waqt is-smiegh tal-provi saret riferenza ghal din il-kawza l-qorti rat ir-rikors guramentat u jirrizulta li Carmelo Azzopardi qieghed jippretendi li ghandu jedd li jigi rikonoxxut bhala:-

- Inkwilin tar-raba' maghrufa ta' Sabbarat tal-kejl ta' cirka 506 metri kwadri, bl-eskluzjoni ta' Michael Azzopardi ghaliex jippretendi li hu cessjonarju tal-kirja; jew alternattivament
- Ko-inkwilin tar-raba' in kwistjoni flimkien ma' huh Michael Azzopardi.

2. Wara li l-qorti kellha l-opportunita li tisma' x-xhieda hi tal-fehma li l-attur ma kellux jipprocedi permezz ta' kawza ta' spoll. Hu minnu li l-Gvern irrikonoxxa biss lill-

attur bhala inkwilin tar-raba’ meritu tal-kawza. Madankollu l-qorti hi moralment konvinta li l-konvenut ghandu wkoll il-pussess materjali tar-raba’. Tant hu hekk li f’Lulju 2008 l-attur baghat ittra legali lill-konvenut u nterpellah sabiex jizgombra mill-ghalqa. F’dak l-istadju l-attur kien ghadu kif ircieva l-ittra minghand il-Kummissarju tal-Artijiet, datata 18 ta’ Gunju 2008 (fol. 6), fejn ikkonfermalu li kien irrikonoxxieh bhala inkwilin tar-raba’ b’effett mis-16 ta’ Awwissu 2007. Ittra li fiha nnifisha hi ammissjoni tal-attur li l-konvenut ghandu pussess materjali tar-raba’. Inoltre, fl-ebda parti tal-ittra ma jinghad li f’dak iz-zmien il-konvenut kien ha l-ligi b’idejh u dahal fl-ghalqa. L-attur baqa’ ma ghamilx kawza sabiex il-konvenut jigi zgumbrat fuq il-kawzali li m’ghandux titolu. Hu fatt li kawza ta’ spoll hi konvenjenti hafna ghal min ikollu l-pussess ta’ haga u jitlef tali pussess meta persuna ohra tiehu l-ligi b’idejha. Pero’ din il-kawza kemm-il darba tintuza fejn m’hemmx lok ghaliha. Jirrizulta li l-attur ghamel rapporti lill-pulizija fl-10 ta’ Ottubru 2008 (fol. 45) u fis-26 ta’ Dicembru 2008 (fol. 41), meta l-attur kellu l-patata mizrugha u l-konvenut dahal u harat il-hamrija. Incidenti li nqalghu bla bzonn u juru nuqqas ta’ prudenza min-naha tal-konvenut. M’hemmx dubju wkoll li dahlet il-pika bejn l-ahwa u kullhadd irid juri sens ta’ padrunanza fuq ir-raba’, u l-kwistjoni ilha ghaddejja ghaliex it-tnejn li huma jippretendu li ghandhom jigu rikonoxxuti bhala inkwilini. Il-kwistjoni kompliet tikber meta l-Kummissarju tal-Artijiet irrikonoxxa ghat-tieni darba lill-attur bhala l-inkwilin tar-raba’. Sfortunatament dawn it-tip ta’ incidenti jwasslu wkoll ghall-proceduri civili u kriminali bla bzonn li jservu biss sabiex ikomplu jziedu l-ispejjez u l-volum ta’ kawzi fil-qrati. Fil-kaz tal-lum ikun iktar ghaqli jekk wiehed jiffoka l-energija u r-rizorsi tieghu ghall-kawza principali, cjoe’ l-kawza fl-ismijiet **Carmelo Azzopardi vs Kummissarju tal-Artijiet et** (Rikors numru:- 35/2009AE). Jista’ jkun il-kaz li f’dak il-procediment il-partijiet jitolbu li jinghata provvediment dwar kif ghandhom igawdu r-raba’ sakemm il-kawza tigi deciza u b’hekk jigu evitati iktar incidenti bla bzonn. Madankollu f’dan il-kuntest jidher li f’dan l-istadju l-attur ha decizjoni ghaqlija, fuq parir tal-pulizija, li ma jmurx fir-raba’ sabiex jevita kwistjonijiet bla bzonn.

3. Il-fatt li l-attur kien hawwel il-patata fir-raba’ ma jfissirx li b’daqshekk il-konvenut kien abbanduna l-pussess jew li minn dakinhar l-attur kellu l-pussess esklussiv tar-raba’. Il-kawza tal-lum tirreferi ghal dak li gara fil-bidu ta’ Marzu 2009. Mir-rapport li l-attur ghamel lill-pulizija jirrizulta li f’dak iz-zmien ma kien hemm xejn mizrugh fl-ghalqa. Dak li gara f’Marzu ma jistax jigi paragunat ma’ dak li sehh f’Ottubru 2008 u Dicembru 2008, meta l-konvenut volontarjament harbat dak li kien hawwel l-attur. Gialdarba l-qorti hi moralment konvinta li l-konvenut ghandu wkoll pussess, il-fatt biss li fil-bidu ta’ Marzu 2009 dahal fl-ghalqa u hawwel il-patata u l-qamh ma jistax isarraf f’att spoljattiv. Fl-istess hin pero’ l-qorti taghmilha cara li l-konvenut m’ghandux il-pussess esklussiv tar-raba’ in kwantu hi moralment konvinta li l-attur ukoll kien jahdem fir-raba’. Il-qorti m’hijiex ser tikkummenta dwar jekk jirrizultax li l-konvenut ghandux titolu sabiex jokkupa r-raba’ in kwantu:-

a. Din il-kawza hi ta’ natura possessorja;
b. Fil-kawza **Carmelo Azzopardi vs Kummissarju tal-Artijiet et** – Rikors 35/2009PC ser jigi stabbilit jekk Charles Azzopardi ghandux titolu fuq l-art.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni in kwantu permezz taghha l-konvenut qieghed jippretendi li ghandu l-pussess esklussiv tar-raba’ maghrufa tas-Sabbarat tal-kejl ta’ cirka 506 metri kwadri u murija fil-pjanta a fol. 5. Spejjez ta’ din l-eccezzjoni a karigu tal-konvenut.**

**2. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni u tichad it-talbiet ta’ l-atturi. Spejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------